# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru  49**

**Citaz.  numru:  2099/99 NA**

**Martin Gaffarena**

**vs**

**Joseph u Doreen konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-30 ta' Settembru 1999 fejn ippremetta:

"Illi bejn l-1992 u l-1998, l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta, Doreen Zammit illi hija mizzewga lill-konvenut Joseph Zammit;

Illi l-konvenuta Doreen Zammit welldet tifel, illi llum ghalaq is-sitt (6) snin, illi nghata l-isem ta' Sean sive Shawn;

Illi l-imsemmi minuri gie registrat fl-Att tat-Twelid relattiv bhala iben il-konvenut Joseph Zammit;

Illi l-konvenuta stqarret ripetutament ma' l-attur illi, nonostante tali dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv, il-minuri Sean sive Shawn huwa fil-fatt iben l-attur;

Illi nonostante tali stat ta' fatt, il-konvenuta baqghet tirrifjuta illi tippermetti illi jsiru t-testijiet relattivi sabiex tigi stabbilita b'mod definittiv il-paternita' tal-minuri;

Illi ghaldaqshekk, l-attur intavola kawza fl-ismijiet "Martin Gaffarena vs Doreen Zammit et" (Cit. Nru. 111/99/NA – Diff. 10/01/2000), sabiex dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Sean sive Shawn;

Illi ricentement, l-attur sar jaf illi l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu preparamenti cari w inekwivoci sabiex jitilqu minn Malta permanentement, inkluz il-bejgh ta' l-assi kollha

taghhom, bhal ma huma d-dar matrimonjali, vetturi u proprjeta' ohra, ukoll sabiex hekk ikun jistghu jigu eluzi l-effetti tad-drittijiet paterni ta' l-attur, f'kaz ta' ezitu pozittiv tal-proceduri hawn fuq imsemmija;

Illi fit-23 ta' Settembru 1999, l-attur ipprezenta Rikors f'dina l-Qorti, fejn talab l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf lill-konvenuti jew min minnhom milli jiehdu lill-minuri Sean sive Shawn, barra minn Malta, liema Mandat ta' Inibizzjoni gie dekretat u jgib in-numru 4177/99 (23-9-99) u li kopja tieghu hi hawn annessa w esibita u mmarkata bhala Dokument "A";

Illi l-attur ghandu nteress illi dan il-Mandat ta' Inibizzjoni jigi rez permanenti;

TALAB li din il-Qorti:

1. previa dikjarazzjoni li l-minuri Sean sive Shawn Zammit huwa l-iben naturali ta' l-attur kif fuq premess, tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4177/99, minnha moghti fit-23 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet "Martin Gaffarena vs Joseph Zammit et";

2. tiddikjara li l-effetti ta' l-istess Mandat ghandhom jibqghu jsehhu permanentement.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4177/99, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-30 ta' Marzu 2000 fejn eccepew illi:

1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi mhux minnu li l-eccipjenti qeghdin – jew li fit-23 ta' Settembru 1999 meta nhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4177/99, l-eccipjenti kienu qeghdin – jaghmlu preparamenti "cari u inekwivoci sabiex jitilqu minn Malta permanentement". Din hija qlajja ohra ta' l-attur;

3. Illi ghalkemm huma hadu azzjoni biex tinbiegh id-dar taghhom, huma ghamlu dan biex jakkwistaw dar ohra ikbar f'Malta. Inoltre l-eccipjent biegh il-mutur Suzuki 80 li kien ilu ghandu seba' snin u xtara mutur gdid fjamant Yamaha Sigma 100. L-eccipjenti Doreen Zammit sabet impieg gdid, fatt li juri li m'ghandha l-ebda intenzjoni li thalli l-pajjiz. Ghalhekk, l-attur ma qalx il-verita';

4. Illi l-eccipjenti huma fiducjuzi u konvinti li m'humiex sejrin jitilfu l-kawza Citazzjoni Numru 111/99. Kieku kienu pessimisti dwar l-ezitu tal-kawza ma kienux joqghodu jistennew li din tigi deciza izda kienu jitilqu minn Malta qabel;

5. Illi b'danakollu, l-eccipjenti jhossu li, bir-rispett kollu, qabel ma din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta ordnat il-hrug tal-mandat fuq talba ta' Martin Gaffarena w izzomm lil iben koppja imwieled fiz-zwieg ta' bejniethom, kellha taghmel naqra verifika qabel ma taccetta l-kelma tieghu bhala fatt. Ghalhekk l-eccipjenti qeghdin jitolbu li l-mandat jigi revokat;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

L-istess konvenuti pprevalixxew irwiehhom minn dawn l-eccezzjonijiet biex jaghmlu kontro-talba rikonvenzjonali fejn ippremettew:

"Illi l-attur ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 4177/99 fit-23 ta’ Settembru 1999 kontra l-konvenuti Joseph u Doreen konjugi Zammit li bih gew inibiti milli jiehdu jew jippermettu lil xi hadd jiehu lill-minuri Sean sive Shawn Zammit barra minn Malta;

Illi r-ragunijiet li ghalihom saret it-talba ghall-hrug tal-Mandat m’humiex veri;

Illi qabel ma dan il-mandat ta’ inibizzjoni nhareg u qabel ma nzamm milli jinhareg barra minn Malta iben il-konvenuti bhala iben koppja imwieled fiz-zwieg ta’ bejniethom, il-Qorti kellha taghmel verifika qabel ma taccetta l-kelma tar-rikorrent;

Illi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni numru 4177/99 inhareg minghajr ma saret l-ebda verifika tal-fatti allegati u minghajr ma nstema' x'kellhom x'ighidu l-genituri tat-tifel in kwistjoni.

Illi dan jammonta ghal ksur palesi tal-principju "*audi alteram partem*";

TALBU li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-mandat ta' inibizzjoni numru 4177/99 inhareg bi vjolazzjoni tal-principju "*audi alteram partem*";

2. tirrevoka l-imsemmi mandat.

Bl-ispejjez kontra l-attur Martin Gaffarena li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenuti, inkluza dik ghad-danni, u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li akkompanjat din il-kontro-talba.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attur ghal din il-kontro-talba pprezentati fis-17 ta' April 2000 fejn eccepixxa illi:

1. “Illi t-talbiet rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenjenti stante illi l-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 4177/99 kien bazat fuq fatti inekwivoci, u dan kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi inoltre, ma jirrizulta ebda ksur tal-principju *audi alteram partem* stante illi dan mhux rikjest ai termini ta’ l-Artikolu 873 (2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi ma jinhtiegx smigh tal-partijiet *ad validitatem* sabiex jinhareg il-Mandat ta’ Inibizzjoni;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda li akkompanjat din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet.

Bi ftehim ma' l-Avukati difensuri rispettivi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2000 gie miftiehem illi l-kawza tibqa' differita bil-hin ghall-15 ta' Novembru 2000 peress illi l-kwistjonijiet principalment involuti f'din il-kawza kienu ta' natura legali u ghat-trattazzjoni ta' l-istess punti legali.  Din it-trattazzjoni effettivament saret u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju, meritu ta' din il-kawza, inhareg a tenur ta' l-Artikolu 877 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li gie ntrodott bl-emendi ta' l-Att XXIV tal-1995.  Dan is-sub-artikolu hekk jipprovdi:

> "*Mandat ta' Inibizzjoni jista' wkoll jinhareg biex izzomm persuna milli tiehu persuna ta' taht l-eta' barra minn Malta.*"

Is-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 873 pero' li jiddiskrievi meta ghandu jew ma ghandux jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni b'mod generali huwa rez applikabbili wkoll ghall-Artikolu 877 bis-sub-artikolu (7) ta' l-istess Artikolu 877.  Kien ghalhekk jispetta lill-Qorti li harget il-Mandat biex tassigura li l-mandat in kwistjoni kien mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, "*u li dak ir-*

*rikorrenti prima facie jidher illi ghandu dawk il-jeddijiet*". Minkejja illi solitament dawn il-mandati jigu notifikati lill-kontro-parti (wara li jigu milqugha temporanjament) u jsir smiegh preliminari proprju biex jigu stabbiliti r-rekwiziti tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 873 jidher illi dan ma sarx fil-kaz prezenti. Mill-provvedimenti ta' l-istess ligi ma jidhirx pero' li dan is-smiegh huwa necessarju *ad validitatem* u ghalhekk in-nuqqas tieghu ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex tiddikjara l-hrug ta' dan il-mandat null. Lanqas ma jispetta lil din il-Qorti biex tissindika l-agir tal-Qorti li harget il-mandat hlief li tosserva illi fil-kaz partikolari probabbilment dik il-Qorti dehrilha illi r-rekwiziti tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 873 kienu gew sodisfatti bil-gurament tar-rikorrenti - haga mhux ghal kollox inawdita stante illi hawn si tratta ta' minuri u huwa allura zgur illi dik il-Qorti kellha l-interess suprem ta' l-istess minuri fl-akkoljiment ta' dan il-Mandat. L-interess tal-minuri tirrikjedi illi dina ma tithalliex titlaq permanentement mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati qabel ma jigi stabbilit il-paternita' taghha, meritu ta' kawza ohra li qed tinstema' minn din il-Qorti. Finalment huwa ta' min jinnota illi l-ligi fis-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 877 tipprovdi li dan il-Mandat (minkejja illi mhux b'mod dirett) jista' jinhareg ukoll kontra min ghandu l-kura u kustodja tal-minuri.

Fil-meritu din il-Qorti ghalhekk tirrepeti l-hsieb taghha illi l-minuri in kwistjoni ma ghandhiex tittiehed minn dawn il-Gzejjer minghajr l-awtorita' taghha. Dana ovvjament huwa wkoll ferm anqas minn dak li qed jitlob l-attur, apparti milli d-dikjarazzjoni minnu mitluba fl-ewwel parti ta' l-ewwel talba hija proprju l-meritu tal-kawza l-ohra fuq imsemmija.

Dawn il-konsiderazzjonijiet, pero' partikolarment l-interess suprem tal-minuri, jwasslu lill-Qorti biex tichad il-kontro-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici limitatament pero' billi f'dan l-istadju tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4177/99 moghti fit-23 ta' Settembru 1999 fl-ismijiet "Martin Gaffarena vs Joseph Zammit et" u tiddikjara l-effetti ta' l-istess Mandat ghandhom jibqghu jsehhu sakemm revokati jew mibdula minn din il-Qorti anke, jekk ikun il-kaz, b'mod temporanju.

In vista tad-decide l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.